TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 39/14/GB

**Maverick u Robert Tabone**

**vs**

**Digiline Electronics**

Illum 30 ta' April 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Frar, 2014, fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' hames mija u ghoxrin Ewro (€520.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal 'mobile phone' li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'mobile phone' kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fl-4 ta' Ottubru 2013, Maverick Tabone xtara 'mobile phone' minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' hames mija u ghoxrin Ewro (€520.00), pero' fl-4 ta' Novembru 2013 huwa rritornah ghand is-socjeta' ntimata ghaliex beda jintefa' u jixghal wahdu, fejn is-socjeta' ntimata biddlet il-batterija tieghu.

Wara dan, il-'mobile phone' hadem sewwa ghal madwar xahrejn u rega' hariglu l-istess difett.

Wara l-medjazzjoni tal-MCCAA, ir-rikorrent hallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) ghaliex is-socjeta' ntimata baqghet isostni li kien hemm 'corrosion' u bidlet part, li ghaliha r-rikorrent hallas, u fejn gie assigurat illi l-problema kienet ġejja mill-part li nbidlet.

Fl-14 ta' Frar 2014, ir-rikorrent mar jiġbor il-'mobile phone' u f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa wara, rega' hariġlu d-difett darbtejn.

Ir-rikorrent qed jitlob jew li jingħata 'mobile phone' ġdid ta' l-istess mudell, jew li jingħata l-flus lura fl-ammont ta' hames mija u għoxrin Ewro (€520.00)

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-4 ta' Novembru 2013, ir-rikorrent Maverick Tabone kien mar għandha b'ilment rigwardanti l-batterija tal-'mobile'phone', u għalhekk din kienet inbidlet mis-socjeta' ntimata. Wara tant żmien, ir-rikorrent rega' mar jilmenta li l-'mobile phone' kien difettuż, fejn is-socjeta' ntimata kienet talbitu jhallieh magħha sabiex hija tkun tista' tibagħtu għand l-agent biex jiġi ċċekkjat, iżda huwa ma ried bl-ebda mod jħallieh għandha. Ir-rikorrent kien beda jargumenta fil-ħanut fejn qal li ma riedx iħalli l-'mobile phone' u li ried li jinbidel ma' iehor ġdid dak il-hin stess, pero' s-socjeta' ntimata kienet baqgħet issostni illi l-'mobile phone' kellu jiġi ċċekkjat mill-agent sabiex ikun hemm il-possibilita' li jinbidel. F'dan il-hin, ir-rikorrent beda jhedded lis-socjeta' ntimata illi huwa jaħdem fid-dipartiment tal-konsumatur u li b'xi mod il-'mobile phone' kien ser ikollha tbiddlu.

Wara li s-socjeta' ntimata ġiet ikkontatjata mid-Dipartiment tal-MCCAA, u wara bosta telefonati, ir-rikorrent kien aċċetta li jħalli l-'mobile phone' mas-socjeta' ntimata sabiex jiġi ċċekkjat. Meta gie ċċekkjat, irriżulta illi l-'mobile phone' kien kollu mxarrab u kellu xi 'corrosion'. Illi għalhekk, inbidel xi part li għaliha ħallas ir-rikorrent. Ir-rikorrent kien baqa' jsostni li l-'mobile phone' kien baqa' difettuż pero' dejjem irrifjuta li jħalli lis-socjeta' ntimata terga' ticcekjah.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tiegħu bil-miktub, fejn, fuq domandi tat-Tribunal stess, huwa ammetta illi kien irrifjuta illi jħalli l-'mobile phone' mas-socjeta' ntimata t-tieni darba illi l-imsemmi 'mobile phone' kien difettuż.

Ir-rikorrent ezebixxa erbgħa (4) dokumenti, li gew immarkati bħala Dok.MT1 sa Dok.MT4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata tagħha, reggħat ikkonfermat il-verzjoni tagħha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-part li kienet 'corroded' *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi t-talba tar-rikorrent hija wahda intempestiva stante li huwa kien irrifjuta illi jhalli l-'mobile phone' in kwistjoni mas-socjeta' ntimata sabiex jintbaghat ghand l-agent u possibbilment jinbidel, qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**